# Id-Demokratizzazzjoni ta' l-Edukazzjoni f'Malta

1946-1996

*Minn Anthony Camilleri*

## Pijunieri ta' l-Edukazzjoni tal-Massa

F'diskors li għamel lejn tmiem is-Soirée d'Honneur li saret f'ġieħu mill-kor Santa Ċeċilja fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù nhar il-Ħadd, 5 ta' Marzu, 1967 fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala Direttur ta' l-Edukazzjoni b'effett mis-17 ta' Jannar, 1967, is-Sur Salvu Gatt stqarr: "Il-Mosta minn dejjem kienet ċentru magħruf ta' edukazzjoni...Matul dawn l-aħħar ħamsin sena l-Mosta kienet il-benniena tat-teachers."(1)



*Is-Surmast Emmanuel Benjamin Vella (1899 - 1946)*

Kien jingħad bħala fatt li madwar nofs l-għalliema ta' Malta kienu Mostin u kont issibhom imxerrdin fl-irħula kollha. Wieħed mill-għalliema li għamel ġieħ lill-Mosta u ta kontribut kbir lill-edukazzjoni f'Malta kien is-Sur Emanuel Benjamin Vella (1898-1946). Hu laħaq spettur fl-iskejjel u kien kittieb ta' l-istorja reġjonali ta' Malta kif jixhdu l-għadd ta' kotba li ppubblika fuq xi bliet u rħula, fosthom **L-Istorja tal-Mosta bil-Knisja tagħha** (1930). Meta fl-1934 il-Gvern Imperjali qatagħha li jgħolli l-istatus tal-Malti bħala lsien uffiċjali ma' l-Ingliż ta' dawn il-gżejjer, is-Sur E. B. Vella tqabbad mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr V. Laferla, biex jikteb il-kotba tal-qari bil-Malti għat-tfal ta' l-iskejjel primarji. Vella kien espert tar-regoli ta' l-Akkademja tal-Malti, li ġa kien ilhom għaxar snin li nkitbu, u f'sentejn bejn l-1934 u l-1936, kiteb sitt kotba, is-sensiela **Ward ta' Qari Malti**, li baqgħu magħrufa minn bosta ġenerazzjonijiet ta' tfal Maltin. Intużaw għal aktar minn tletin sena. Ġew riveduti fis-snin sebgħin u għadhom jintużaw riveduti sal-lum.

## Ħamsin Sena ilu l-Edukazzjoni Primarja saret obbligatorja wara l-eruzzjoni tal-Vulkan-L-Arti tal-Paċi

Sena wara li ntfew in-nirien tal-gwerra u oħra qabel it-tieni kostituzzjoni li kellna li tatna s-*Self Government*, il-Kostituzzjoni MacMichael, feġġet l-1946, sena mill-aktar importanti dwar is-suġġett. L-aktar importanti fil-qasam ta' l-edukazzjoni primarja kienet l-Ordinanza Nru. II ta' l-1946. Din kienet magħrufa aħjar bħala l-Ordinanza dwar l-Edukazzjoni Obbligatorja. It-tfal kollha ta' età primarja kellhom jattendu l-iskola u l-

ġenituri jew kustodji li jonqsu kienu suġġetti għall-penalitajiet tal-liġi. Fost oħrajn l-Ordinanza tgħid: "Hu dmir ta' kull ġenitur ta' tifel jew tifla bejn l-etajiet li jkunu stabbiliti minn żmien għal żmien taħt sezzjoni 10 biex jibagħtu l-wild tagħhom biex tieħu tagħlim primarju effiċjenti fit-tagħlim reliġjuż, f'dawk l-ilsna (stipulati) u fil-qari u kitba tagħhom b'dak il-mod li l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jista' jispeċifika b'ordni, u fl-aritmetika, u jekk ġenitur jonqos milli jaqdi dan id-dmir, ikun suġġett għal dawk l-ordnijiet u penalitajiet li huma pprovduti b'din l-Ordinanza."[2] L-età obbligatorja kienet iffissata bejn is-sitt snin u l-erbatax-il sena. L-edukazzjoni primarja ma baqgħetx aktar privileġġ tal-ftit iżda saret dritt u dmir tal-massa.

L-Ordinanza III (1946) ħasbet għat-tmexxija u l-kontroll ta' stabbilimenti edukattivi. L-iskejjel saru magħrufa bħala skejjel primarji u mhux iżjed skejjel elementari.[3] L-Ordinanza IV (1946) emendat l-Att dwar l-Attendenza Obbligatorja [4].

## Il-Mixja taż-Żminijiet

Malta kienet kolonja Britannika u kienet għadha kif għamlet isem bir-reżistenza erojka tagħha kontra twegħir liema bħalu, kważi mrażżna għarkubbtejha mill-imblokki kbar u kważi totali imposti mill-ajruplani tan-Nazi u l-flotot ta' l-Assi. Bħala kolonja Ingliża wkoll kienet tixrob l-ideat tagħha f'bosta oqsma mill-pajjiż li jaħkimha. Deher ukoll iċ-ċans li jinfetħu l-bibien biex emigranti Maltin imorru l-Awstralja u l-Kanada. Qabel il-gwerra l-Maltin kienu stmati qishom bħallikieku ma kenux membri tal-Commonwealth. Il-George Cross qaleb il-folja. Għalhekk, min isiefer kellu bżonnha edukazzjoni primarja u min kien tas-sengħa u kien jaf itaqtaq bl-Ingliż kien ippreferut. Wieħed mit-testijiet li kienu jsiru lill-emigranti prospettivi kien test tal-qari u tal-konverżazzjoni bl-Ingliż. Għalhekk min kien imexxi ried jimxi skond il-liġi ta' pajjiżu u skond l-iżviluppi ġodda f'artijiet oħra. L-edukazzjoni kienet investiment fl-ekonomija, fil-morali, fl-iżvilupp personali u fit-tiswir ta' pajjiż ċivilizzat b'aspirazzjonijiet għall-Indipendenza.

Fl-Ingilterra l-Att ta' l-Edukazzjoni ta' l-1944, magħruf ukoll bħala l-Butler Act, neħħa kważi l-liġijiet kollha ta' l-edukazzjoni u qiegħed is-sisien għas-sistema moderna ta' l-edukazzjoni li baqgħet trieġi sa ma ġie fis-seħħ l-Att ta' Riforma Edukattiva ta' l-1988. Dan l-att neħħa d-distinzjoni bejn edukazzjoni elementari u għolja u waqqaf sistema magħquda ta' skola obbligatorja b'xejn minn ħames snin sa ħmistax-il sena. L-edukazzjoni bdiet titqies ukoll li tkopri l-bżonnijiet ta' dawk taħt u 'l fuq mill-iskola obbligatorja. Kienet ukoll mezz li bih wieħed seta' jieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-komunità fl-oqsma tal-kultura u rikreazzjoni.

Dan l-att ħoloq varjetà ta' servizzi biex jissapportjaw l-istruttura bażika ta' l-edukazzjoni primarja u sekondarja, ngħidu aħna, trasport, ħalib b'xejn u kura medika u dentali. Tfal bi bżonnijiet speċjali kellhom jitħalltu ma' dawk normali sakemm kien possibbli. Għalliema nisa li żżewġu setgħu jerġgħu japplikaw u n-nisa ma kenux aktar mistennija jirriżenjaw meta jiżżewġu.[5]

Jidher ċar li ħamsin sena ilu l-Kunsill tal-Gvern elett bis-saħħa tal-Kostituzzjoni MacDonald (1945) is-sena ta' qabel seta' jaħtaf u ħataf iċ-ċans li jaqbad ma' l-iżvilupp fl-edukazzjoni fl-Ingilterra biex idaħħal l-edukazzjoni primarja obbligatorja. Wieħed jifhem li fi żmien meta Malta kienet għadha mfarrka bil-gwerra u l-flus tal-ħsarat tal-gwerra riedu jintużaw għal materji ta' urġenza kbira, ma kienx possibbli li jitqiegħed il-qafas tal-*welfare state*. Għalhekk ma niskantaw xejn li t-tfal ta' l-iskola ma kellhomx ħalib u kura medika jew dentali b'xejn. Biss iż-żerriegħa kienet inżergħet band'oħra u kellha tinżera' hawn Malta wkoll fi żmien għaxar snin u tnebbet. Il-kotba u l-pitazzi b'xejn waslu wkoll. Illum dan hu suġġett diskutibbli minħabba li huma bosta dawk li jargumentaw li l-kundizzjonijiet soċjali tbiddlu u li t-tfal għandhom jingħataw kotba ġodda, mhux kotba wżati minn ħaddieħor qabilhom. Min ma jiflaħx ikun jista' jieħu l-kotba b'sistema ta' *voucher* maħruġ mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

## Ma kienx hekk minn dejjem

Qabel ma daħlet l-edukazzjoni tal-massa bi dritt u bi dmir, l-edukazzjoni kienet privileġġ tal-ftit: dawk il-ġenituri mill-klassi tal-professjonisti u negozjanti li setgħu jħallsu; ulied in-nobbli, li bħal dejjem riedu jmexxu bix-xabla u bil-pinna; u dawk li kienu jħossu s-sejħa għal xi ordni klerikali u għalhekk ħtiġilhom jitgħallmu l-ilsna u l-kultura klassiċi, il-filosofija u l-matematika u t-teoloġija. L-edukazzjoni kienet privileġġ li tagħti setgħa kbira fuq il-kotra illitterata u tiġbed ir-rispett ta' l-istess kotra.

L-edukazzjoni statali f'Malta tmur lura sa nofs is-seklu ħmistax meta l-Università, jew aħjar il-Kunsill Muniċipali ta' l-Imdina, fetħet l-ewwel klassi għat-tfal.[6] Wara l-Imdina nfetħu skejjel oħra fil-Birgu, Għawdex u l-Belt Valletta. Il-Knisja tat il-kontribut tagħha biex jinżammu dawn l-iskejjel. L-iskola ta' l-Imdina kienet għadha teżisti fil-bidu tas-seklu dsatax. Matul is-sekli erbatax u ħmistax numru ta' skejjel privati nfetħu mill-ordinijiet reliġjużi.

Fl-1730 il-Ġiżwiti fetħu skola għat-tfal. B'hekk daħlu fis-settur primarju wara li fl-1593 kienu fetħu l-ewwel kulleġġ f'Malta.

Proposta kuraġġuża saret minn Mikiel Anton Vassalli fl-1796 biex il-Kavallieri ta' Malta jipprovdu edukazzjoni tal-massa għal ulied il-poplu Malti. Il-proposta ġiet smata kif tiġi stmata talba ġusta minn awtorità arroganti, korrotta u dekadenti.

Napuljun Bonaparti ma riedx skejjel reliġjużi f'Malta. Bl-istess intrasiġenza u għebusija tal-Kavallieri, waħħalha f'rasu li jneħħi l-iskejjel reliġjużi kollha u hekk sar. Minħabba l-qawmien ta' malajr tal-Maltin kontra l-Franċiżi l-ħmistax-il skola elementari li Napuljun ried jitwaqqfu ma twaqqfu qatt. Dawn kellhom jgħallmu l-qari u l-kitba, l-ilsien Franċiż, l-elementi ta' l-artimetika u l-pilotaġġ, fl-interess tal-qawwa navali Franċiża, kif jagħmel kull kolonizzatur, prinċipji ta' moralità u l-Kostituzzjoni Franċiża.

Fl-1819 in-Normal School Society fetħet l-ewwel skola elementari fil-Belt. Infetħu oħrajn Għawdex u l-Isla. Din is-Soċjetà mliet il-vojt ta' l-ewwel snin tal-ħakma Ingliża għax fl-Ingilterra ma kienx hemm id-drawwa li l-Gvern jipprovdi edukazzjoni tal-massa. Kienet għalhekk taqliba sħiħa li ssuġġeriet il-Kummissjoni Rjali mwaqqfa biex tistħarreġ l-istat tal-fatti f'Malta fl-1836. Din il-Kummissjoni Rjali pproponiet it-twaqqif ta' aktar skejjel elementari ssapportjati mill-Gvern u mmexxija minn Kumitat taħt ir-Rettur ta' l-Università. Żvilupp kbir kien meta ntlaqa' s-suġġeriment ta' din il-Kummisjoni biex għalliema jintbagħtu jitħarrġu fl-Ingilterra. Bis-saħħa tal-proposti għadd ta' skejjel infetħu mill-Gvern u sal-1850 l-għadd tela' għal 28, erbgħa minnhom f'Għawdex.[7]

L-1850 ġabet żvilupp importanti fl-edukazzjoni. Il-Kanonku Paolo Pullicino nħatar Spettur Ewlieni ta' l-Iskejjel Elementari. Taħtu (1850-1880) kważi kien hemm skola f'kull raħal. Is-sistema monitorjali twarrbet. Bis-saħħa tagħha l-għalliem kien jgħaddi tagħlim lill-oħrajn. L-għalliem kien qiegħed hemm biex jiddixxiplina, iżomm l-ordni u jara li x-xogħol miexi. B'hekk kienu ffrankati ħafna għalliema sa dak iż-żmien! Il-Kanonku Pullicino waqqaf skejjel tan-nuna u ġie pprovdut taħriġ għall-għalliema fl-Università u fl-iskola ta' l-għalliema. Il-kotba ta' l-iskola kienu stampati hawn Malta.

Sal-1878, skond ir-rapport imħejji minn wieħed mill-membri tal-Kummissjoni li ntbagħtet biex tistħarreġ l-edukazzjoni, kien hawn 63 skola elementari f'Malta u 16 f'Għawdex. Dawn kienu jilqgħu fihom 7,746 fi żmien meta kont tattendi l-iskola jekk trid. Madwar 100 skola privata kienu jipprovdu edukazzjoni lil madwar 2000 tifel u tifla.[8]

## Diwi ta' Sistemi Britanniċi Qodma u Ġodda

Fid-diskussjoni dwar materji edukattivi, imqar illum, f'Malta għadna nimxu fuq l-eżempju Britanniku kemm hu possibbli. Intqal kemm-il darba li, meta konna rajna d-diżastru li

ħalliet l-introduzzjoni ta' l-iskola kompreħensiva fl-Ingilterra fis-snin sittin, webbisna rasna u daħħalnieha f'Malta.

Imbagħad, għax instmatna aħna, għamilna l-kuraġġ, bdilna l-korsa u rġajna daħħalna l-Junior Lyceums għat-tfal li jridu bl-eżami, filwaqt li għamilna l-*area schools* għal dawk li jippromettu f'oqsma varji biex xorta jieħdu edukazzjoni sekondarja tajba. Issa rġajna qrajna f'**Tomorrow's Schools: Developing Effective Learning Cultures**[9] li għandna nimxu lejn is-sistema kompreħensiva. Mhux hekk biss. Fl-istess paġna għandna proposti biex jitneħħew l-eżamijiet nazzjonali u l-i*streaming*, jitneħħa l-eżami għad-dħul fil-Junior Lyceums u l-eżami tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja u jkun hemm kurrikulum wieħed, mingħajr *options* jew *tracks* fl-iskejjel sekondarji. L-ispeċjalizzazzjoni tidħol fl-istadju post-sekondarju. Aħna tal-fehma li l-ġenituri jaraw, josservaw u jiddeċiedu wara li jaraw x'jagħmel effettivament għalih personalment, jiġifieri għal uliedu, min jippreskrivi t-tibdil għal ħaddieħor.

Wieħed jinduna li r-rota ddur u jdawruha sakemm tagħmel dawra waħda. Daqqa 'l quddiem, daqqa lura. M'hemmx tmiem. Illum ukoll qiegħda ssir emfasi kbira fuq il-Kap ta' l-Iskola, li ser jgħabbuh b'ħafna responsabbiltajiet li, skond il-ħsieb edukattiv ta' l-Anglo-Sassoni, hu aktar ta' *manager* milli ta' *headteacher* kif nifhmuh aħna. Min-naħa l-oħra mitt bniedem mitt fehma u l-kotra tibqa' tinsisti li, minkejja li verament li l-Kap ta' l-Iskola jrid jagħmilha ta' *manager*, irid ikun ukoll professjonista u mexxej li jaf li t-tifel u t-tifla huma l-fus ta' l-edukazzjoni u li f'idejh għandu bnedmin b'persunalità x'jiżviluppa fihom bl-għajnuna prinċipalment ta' l-għalliema u mhux prodott bla ruħ.

Ir-rapport ta' Joseph Keenan fl-1878 issuġġerixxa li l-iskejjel primarji kellhom jitmexxew minn kumitat bil-kappillan bħala *chairman* u *manager*. Ma ninsewx li dawn kienu żminijiet oħra u l-kappillan kien jidħol għax kien qrib il-poplu u għax hekk kien jaqbel biex Stat u Knisja jidhru li qegħdin jimxu id f'id. Keenan qal li ġenituri li jifilħu jħallsu kellhom iħallsu. Dan kien diwi ta' l-Att ta' l-1870 dwar l-Edukazzjoni Elementari, magħruf ukoll bħala l-*Forster Act*, tal-Parlament Ingliż, li pprovda skejjel elementari kullimkien fl-Ingilterra u ta setgħa lill-bordijiet ta' l-iskola biex jiffissaw miżati ta' kull ġimgħa. L-Att ta' l-Edukazzjoni ta' l-1880, il-*Mundella Act*, tal-Parlament Ingliż, illimita l-ħlas għal 9d[10] fil-ġimgħa. Fl-1891 imbagħad l-Ingilterra daħħlet l-edukazzjoni elementari b'xejn f'pajjiżha.[11] Kien fl-1918 bil-*Fisher Act* li l-miżati kollha ta' l-iskejjel elementari tneħħew.[12]

Keenan ippropona wkoll li jingħata taħriġ barra l-pajjiż lil xi għalliema. Dan kien beda jsir wara l-1836. Jekk l-attendenza fl-iskola ma titjiebx żmien ħames snin kellhom jittieħdu passi biex tiddaħħal l-edukazzjoni obbligatorja.[13] Fl-1881 il-Kunsill tal-Gvern ma laqax ir-rakkomandazzjoni ta' Keenan li l-ħlas lill-għalliema jsir skond ir-riżultati miskuba mill-istudenti.

## L-Istruttura Bażi lesta u tiffunzjona sa Tmiem is-Seklu Dsatax

Skond iċ-ċensiment ta' l-1891 kien hemm 35 fil-mija tat-tfal li kellhom l-età li jattendu l-iskola, jiġifieri bejn tliet snin u ħmistax-il sena, li kienu qegħdin jattendu. Mis-37,000 li setgħu jattendu kienu qegħdin jmorru 11,000 bejn skejjel statali u non-statali. Kien hemm 38 skola primarja ta' l-istat għas-subien u 39 għall-bniet, magħduda ħmistax magħquda ma' klassijiet tan-nuna. Kien hemm madwar 6,000 tifel u tifla jfittxu li jidħlu, iżda minħabba nuqqas ta' akkomodazzjoni, ma rnexxilhomx.

## Il-Kwistjoni ta' l-Ilsna

Minħabba l-partiti favur u kontra l-Ingliż u t-Taljan il-Malti żżeffen fin-nofs. Kien hemm min lest jissagrifikah biex floku jidħol it-Taljan. Saħansitra fi dħul is-seklu għoxrin il-membri eletti tal-Kunsill tal-Gvern ma approvawx il-baġit bħala protesta kontra l-politika ta' l-ilsien u l-iskejjel kellhom jinżammu magħluqa għal ftit ġranet.

Fl-1900 l-istabbiliment edukattiv inqasam fi tnejn u dawn iż-żewġ taqsimiet kienu indipendenti minn xulxin. Fuq naħa waħda kien hemm l-Università, il-Liċeo u l-Iskejjel Sekondarji taħt il-Professur Napuljun Tagliaferro, li kien issuġġerixxa l-isem għall-Banda Nicolò Isouard. Fuq in-naħa l-oħra kien hemm l-iskejjel elementari taħt is-Sur E. Magro. Fl-1905 is-Sur Magro nħatar Direttur ta' l-Istruzzjoni Pubblika wara li l-frieghi kollha ta' l-edukazzjoni ġew mgħaqqdin mill-ġdid fid-Dipartiment ta' l-Istruzzjoni Pubblika.



*Il-Professur Napuljun Tagliaferro I.S.O.*
*(1843 - 1915)*
*Fil-magħmudija ngħata l-isem Francesco*

Pass għaqli sar meta fl-1920 infetħet l-ewwel Skola Ċentrali biex tħarreġ lil dawk li kienu ser isiru għalliema. Għalliema tal-post kienu obbligati jattendu lezzjonijiet u jersqu għal eżamijiet biex itejbu l-kwalifiki tagħhom. Kienet biċċa leġislazzjoni miġġielda bis-sħiħ fis-Senat u Mons. Ferris irriżenja. Floku laħaq Mons. Enrico Dandria.

Fl-1921 Malta kellha għall-ewwel darba Ministeru ta' l-Edukazzjoni, imsejjaħ Ministeru ta' l-Istruzzjoni Pubblika. Kienet il-Kostituzzjoni Amery, l-ewwel kostituzzjoni li tat is-*Self-Government* taħt il-ħakma Ingliża.

Wara referendum li għamel fost il-Kapijiet ta' l-Iskejjel fl-1921 Dr Albert C. Laferla, Direttur ta' l-Edukazzjoni Primarja, stqarr li kien meħtieġ li t-tfal ikunu jafu jiktbu u jaqraw bil-Malti. L-Istorja ta' Malta saret suġġett fl-iskejjel primarji f'dik is-sena.

Fl-1924 il-Parlament għadda liġi li biha tfal irreġistrati mill-ġenituri kellhom jibqgħu jattendu sa Standard III jew sa tnax-il sena biex itemmu l-kors primarju. Biss il-ġenituri ma kenux obbligati jirreġistraw lil uliedhom. Min jirreġistrahom u wara jibdielu kellu diversi mezzi biex lit-tfal ma jibgħathomx regolarment jew iġibilhom eżenzjoni.

Fl-1929 iddaħħal servizz mediku u ngħatat attenzjoni lit-trakoma.

Wara l-inkwiet fuq il-lingwa u s-sospensjoni tal-kostituzzjoni, il-Gvern Ingliż iddeċieda li l-Malti jsir ilsien uffiċjali ta' Malta ma' l-Ingliż. E.B. Vella tqabbad jikteb is-sensiela **Ward ta' Qari Malti**.

L-għalliema bdew jirċievu taħriġ ta' tliet snin *part-time* fl-1935. Dawk li jiksbu l-aħjar riżultat fl-eżami finali kienu jintbagħtu għal aktar taħriġ fl-Ingilterra. Dawk l-għalliema li jkunu studjaw dan il-kors biss setgħu jilħqu kapijiet ta' skola.

Fl-eqqel tal-gwerra fl-1942, Spettur ta' l-Iskejjel Ingliżi, is-Sur Carmel Ellis, irrakkomanda li l-edukazzjoni hawn Malta ssir obbligatorja.

Il-Kulleġġ għall-għalliema nisa mmexxi mis-Sorijiet tas-Sacred Heart fetaħ fl-1944 u fl-1945 il-Brothers ta' De La Salle ħadu ħsieb it-taħriġ ta' l-irġiel. Tliet snin wara sar kors ta' darba biss biex jingħata l-grad fl-Edukazzjoni f'kors universitarju. Min ried diploma seta' jistudja filgħaxija *part-time*. Imbagħad fl-1948 daħal ix-xandir fl-iskejjel.

Fl-1970 daħlet l-iskola sekondarja għal kulħadd. Fl-1975 infetħu l-ewwel ċentri tal-kindergarten u sentejn wara nisa miżżewġa setgħu jerġgħu jimpjegaw ruħhom fid-Dipartiment, ħaġa li l-għalliema nisa Ingliżi kien ilhom li ħadu mill-1944 permezz tal-Butler Act.[14] Fl-1978 twaqqfet il-Fakultà ta' l-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta. Sentejn wara, fl-1980, l-iskejjel primarji tħalltu u l-bniet bdew jattendu l-istess klassijiet mas-subien. Avviż Legali Nru 73 ta' l-1989 inforza l-Kurrikulum Minimu Nazzjonali għall-iskejjel statali u non-statali bis-saħħa ta' l-Att ta' l-Edukazzjoni ta' l-1988.

Man-nofs seklu wara t-twelid ta' l-era nukleari, fi żmien meta t-teknoloġija ta' l-informatika saret ir-raba' fattur u estensjoni ta' dawk li huma magħrufa bħala t-tliet Rs (*Reading, Writing, Arithmetic*), qegħdin f'pożizzjoni li napprezzaw aħjar dak li tant edukaturi xtaqu, jiġifieri, li kull tifel u tifla jkollhom garanzija bil-liġi li jieħdu edukazzjoni bażika. Din ix-xewqa seħħet fis-sbuħija tar-realtà tagħha fl-1946 bl-Att ta' l-Edukazzjoni Obbligatorja mgħoddija mill-Kunsill tal-Gvern. Is-siġra xxettlet u kibret. L-edukazzjoni sekondarja waslet ukoll u din ħejjiet it-triq għall-edukazzjoni terzjarja. L-iżviluppi politiċi u soċjali matul din il-medda snin, minn kolonja għal repubblika indipendenti, minn ekonomija bażata fuq l-infiq ta' fortizza għal waħda li tieħu n-nutriment mit-turiżmu, Tarzna, industrija ħafifa u agrikultura u sajd, u issa mill-firxa tas-servizzi bankarji, *off-shore* u oħrajn, ħteġilhom pedamenti sodi fis-settur ta' l-edukazzjoni. Illum, ħamsin sena wara l-att storiku dwar l-Edukazzjoni Obbligatorja fil-Gżejjer Maltin, għandna għax nifhmu u napprezzaw x'ġebla miljari kien dak il-pass għaqli li poġġa l-edukazjoni f'Malta fuq il-prinċipju sod li kulħadd għandu d-dritt u d-dmir li jirċievi edukazzjoni.

## Referenzi


1 **Il-Mosta**, Nru 13, April-Mejju, 1967, p. 2, *Soirée d'Honneur Mill-Kor Santa Ċeċilja* minn Anthony Camilleri

2 Suppliment XI tal-**Gazzetta tal-Gvern**, 1 ta' Frar, 1946

3 **Gazzetta tal-Gvern ta' Malta**, Suppliment Nru XII, 1 ta' Frar, 1946

4 **Gazzetta tal-Gvern ta' Malta**, Suppliment XIII, 1 ta' Frar, 1946

5 **Education in the UK, Facts and Figures**, Donald Mackinnon and June Statham with Margaret Hales, pp 50-51

6 **Storja ta' Malta**, Profs. Andrew Vella, p. 144. L-ewwel ma tissemma din l-iskola huwa fl-Atti tal-Kunsill ta' l-Università tat-18 ta' Novembru, 1461

7 Pullicino Paolo, Kanonku: **Primo Rapporto sulla Primaria Istruzione**, Government Printing Press, Malta 1850, pp 1-2

8 Keenan Patrick J.: **Report upon the Educational System of Malta** presented to both Houses of Parliament by Command of Her Majesty: August 1880

9 Rapport tal-Consultative Committee on Education imwaqqaf mill-Onor. Michael Falzon, Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani, pubblikat nhar l-10 ta' April, 1995, p. 46

10 3.75ċ

11 **Education in the UK, Facts and Figures**, Donald Mackinnon and June Statham with Margaret Hales, p. 47

12 *idem*, p. 49

13 Ara l-*Mundella Act* 1880

14 **Education in the UK, Facts and Figures**, Donald Mackinnon and June Statham with Margaret Hales, p. 50